**Laqgħa Numru 67**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**20 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard- Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

67.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

67.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 66 li saret nhar il-Ġimgħa 22 ta' Settemrbu 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku informa lil Kunsill il-punti primarji li ġew diskussi fil-Laqgħa Plenarja li saret fit-30 ta' Settembru 2017. Fosthom semma' il-ħsieb li jiġu strutturati l-Kunsilli Lokali b'riforma li għandha ssir fil-liġi tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Parlamentari flimkien ma' l-istakeholders qed jaraw kif il-kunsilli jistgħu jimxu l-quddiem u kif tista' tiġi ndirizzata l-problema ta l-iskart li hija problema kbira mhux biss għall-Kunsilli imma ukoll fuq skala nazzjonali.

67.3.2 Is-Sindku rrifera għall-proġett ta' l-open gym u nforma lil membri tal-Kunsill li l-Perit għandu jiffinalizza l-pjanta sat-Tnejn 23 ta' Ottubru 2017. Minn hemm imbagħad wieħed irid jara x'tenders hemm bżonn jinħarġu peress li f'dan il-proġett fejn għandhom x'jaqsmu tenders u finanzjarjament dan ħa jkun kompitu tal-Kunsill.

67.3.3 Is-Sindku rrefera għall-Ġnien il-Haddiem. Il-Perit Shaun Micallef mar fuq il-post flimkien mas-Sindku fejn dan mhux biss ħa jkun responsabbli mill-att tekniku imma anke qed jieħu inkosiderazzjoni l-att astetiku. Is-Sindku kkomunika li x-xogħol fuq dan il-proġett għadu ftit lura minħabba li l-Perit qed jaħdem fuq il-pjanta tal-open gym.

*4.47pm Hubert Salib daħal fil-kamra.*

67.3.4 Is-Sindku kkomunika li l-Iskema tar-Restawr fuq Postijiet Storiċi għandha toħroġ daqt mill-Ministeru t'Għawdex. Il-membri preżenti qablu li prijorita' għandha tingħata lil Arloġġ tax-Xemx fi sqaq fi Triq Torri Tingi. Jekk l-iskema tkun tippermetti l-membri tal- Kunsill qabel li għandna napplikaw biex jiġu rrestawrati n-niċeċ ta' Santa Maria fi Triq Santa Katerina, San Ġwann fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq Il-Ħamrija u Id-Duluri fi Triq L-Indipendenza.

67.3.5 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill ħareġ it-tender fuq ir-resurfacing ta' parti mit-Triq Santa Teodora u Triq Ħagret l-Armi nhar it-Tlieta 17 t'Ottubru 2017 wara li fis-6

t'Ottubru 2017 kien ġie kkomunikat min-naħa tar-Reġjun li l-ammont allokat lil Kunsill tax-Xewkija kien €9,615.38. It-tender kellha tinħareġ b'mod immedjat peress li d-deadline biex titlesta t-triq hu t-30 ta' Novembru 2017 jekk ma tiġix milqugħa t-talba li saret min-naħa tar-Reġjun t'Għawdex biex jiġi estiż il-perjodu allokat. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb li tkellem lil Water Service Corporation sabiex jekk hemm bżonn xi tibdil fil-pajpiet tat-triq dawn isiru qabel ma jsir ir-resurfacing tat-Triq.

67.3.6 Is-Sindku kkomunika li kien sar l-assessment fuq il-Playing Fields u l-Kunsill qed jistenna r-rapport ta' l-assessment. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li qabel ma jsir xogħol fuq il-Kunsill għandhom jitwaħħl l-cameras tas-sigurta' ħalli jassiguraw li ma jsirux atti vandali.

67.3.7 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa ma' GV Development fejn qal li s'issa kien għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim

**67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

67.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard saqsiet rigward kif qed jintgħażel il-perit għall-proġetti tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li meta għandek professjonisti bħal fil-każ ta' Perit dan għandu jintgħażel fuq il-fiduċja tal-membri tal-Kunsill. Is-Sindku sosntna ukoll li l-Kunsill iqassam ix-xogħol fuq diversi Periti li jaħdmu f'Għawdex.

67.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex isir double line ftit 'l isfel, faċċata tal-garaxx tal' l-Għaqda ta' l-Armar fi Triq L-Indipendenza. Il-membri qablu li għandha isir talba lil Transport Malta biex dan jekk dejjem konformi mal-liġi jsir.

67.4.3 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex isir rapport mal-kuntrattur rigward il-Flood Light ta' fejn l-istatwa ta' San Pawl wara l-knisja peress li mhux taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**67.5 Proġetti: Il-Kunsill Il-Ġdid u ta' Ġnien Blankas**

67.5.1 Is-Sindku ddeskriva il-layout ta' kif se jkun imqassam il-Kunsill il-Ġdidi hekk kif imfassal mid-designer Paul Stellini. Peress li l-post hu maqsum f'żewġ sulari, isfel ħa jkun hemm 2 deskijiet u anke xi *office shelfing* flimkien ma' *storage spaces*. Il-kamra tas-Segretarju Eżekuttiv u tas-Sindku se jkun fit-tieni sular flimkien mal-boardroom b'mejda ta' tnax u anke bl-aċċess għall-projector. Is-Sindku stqarr li issa kien imiss li tinxtara l-għamara ta' l-uffiċju billi jinħareġ tender.

67.5.2 Is-Sindku kkomunika li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Perit fuq il-possibilita' li tiġi estiża l-kamra ta' l-*Interpretation Centre* u biex b'hekk eventwalment tinfetaħ bħalha mużew hekk kif kien maħsub oriġinarjament.

**67.6 Materji relatati ma' Jum Ix-Xewkija**

67.6.1 Is-Sindku ssuġġerrixxa u l-membri preżenti kollha qablu li din is-sena f'Jum Ix-Xewkija kellhu jingħata rikonoxximent lil Soċjeta' Filarmonika Prekursur għal kunċert li ttella' b'suċċess fit-Teatru Manoel f'Diċembru 2016. Rikonoxximent ieħor għandu jingħata lil Xewkija Tigers ghar-rebħ tal-kampjonat tal-Gozo First Division Football League 2016/2017. L-Għaqdda Drammatika Xewkija għandha tingħata apprezzament tad-dramm li ttella' b'tant suċċess "Rajtek Tinbidel" waqt li apprezzament għandu jingħata lis-Surmast tal-Banda, is-Surmast Anthony Borg fl-għoxrin anniversarju jokkupa din il-kariga. Tifkira għandha ukoll tingħata lil Ted M. Mizzi għall-publikazzjonit tal-ktieb "The Rotunda."

67.6.2 Is-Sindku rrefera għat-talba li rċieva mingħand Fr Dennis Mifsud biex il-Kunsill jikkolaborra fil-publikazzjoni tal-ktieb miktub minnu *"His Name is John."* Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jikkoloborra fil-publikazzjoni ta' dan il-ktieb fuq San Ġwann Battista, il-patrun tar-raħal tax-Xewkija. Erba' mitt ktieb se jiġu pubblikati fl-ewwel edizzjoni li għandha tiġi ppublikata u l-qliegħ mill-bejgħ tal-kotba ta' l-ewwel edizzjoni għandha tkopri l-ispejjeħ marbuta eventwalment mat-tieni pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb. Il-qliegħ li jibqa' għandu jmur ghall-Knisja.

**67.7 Attivatijiet tal-Milied**

67.7.1 B'referenza għall-imejl mibgħuta mill-kap ta' l-iskola ta' l-Iskola Primarja Xewkija, il-membri qablu li il-Kunsill għandu jikkoloborra fil- Fun Day imtella' qrib il-Milied.

**67.8 Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv**

67.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li wara li pjanat il-leave tagħha zgur li kien ha jibqa' bilanċ ta' 96-il siegħa Vacation Leave għas-sena 201. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li dawn għandhom jiġu akkumulati għas-sena 2018 peress li x-xogħol ma kienx qed jippermetti li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu leave. Fix-xhur ta' Novembru u Diċembru hemm numru t'attivitajiet, deadlines u commitments li ma jippermettux li jittieħed vacation leave. Is-segretarju nfurmat li jekk ix-xogħol jippermetti kienet beħsiebha tieħu xi jiem leave f' Diċembru.

## 67.9 Korrispondenza u Materji Oħra

67.9.1 Ċirkulari Numru 28/2017 - *L-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali*. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut li din l-elezzjoni ġiet annullata.

67.9.2 Reminder Management Letter u Council's Reply 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkomunikat li d-dokumenti mitluba kienu intbagħtu.

67.9.3 Ċir AKL60 - *Inizzjattiva ta' Tindif fil-Widien.* Il-membri tal-Kunsill innota l-kontenut.

67.9.4 Ċir AKL M003/2017- *Minuti tal-Laqgħa tal-Ezekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Numru 51).* Il-membri preżenti nnutaw il-kontenut.

67.9.5 Imejl fejn tikkonferm l-claim li nfħet rigward il-ħsarat fil-Lift tal-Latrina fil-Pjazza tar-raħal mill-maltemp fl-4 t'Ottubru 2017.

67.9.6 Imejl mill-Arċipriet tax-Xewkija tikkonferma l-Viżta Pastorali mill-Isqof fis-17 ta' Novembru 2017.

67.9.7 CIR AKL 81/2017 - *Laqgħa tas-Sindki, 15 u 16 ta' Diċembru 2017, Grand Hotel, Mġarr, Għawdex - Formoli tar-Reġistrazzjoni*. Il-membri ħadu nota ta' din iċ-ċirkulari.

67.9.8 Imejl minn Ted Mizzi jitlob bozza fi Triq Sansun. Il-membri nnutaw il-kontenut u unaniment qablu li din għandha ssir.

67.9.9 Imejl rigward il- Living Cities, Livable Spaces: Place Making & Identity - Valletta 2018 Konferenza Annwali bejn it-22 u il-24 ta' Novembru 2017.

67.9.10 ĊIK AKL 73/2017 - Pubblikazzjoni tal-Magazine mill-AKL. Il-membri nnutaw il-kon.tenut.

67.9.11 Inizjattiva Finanzjarja - Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli okali.

67.9.12 Imejl mis-Sur Ciappara Daniel at MJCL Avviż dwar ittra "Sejħet is-Siġar" fejn tingħata siġra u ktieb miktub minn Trevor Zahra lit-tfal minn 8 sa 10 snin għal kull applikazzjoni li tasal il-Kunsill sat-3 ta' Novembru 2017. Il-membri nnutaw il-kontenut.

67.9.13 CIR AKL 79/2017 - Inizzjattiva 'Tetra għal-Istrina' Il-Kunsill innota l-kontenut/

67.9.14 Ċirkulari Numru 30/2017 - *Twettiq ta' proġetti utli għall-Komunità bla spejjeż għall-Kunsilli Lokalita.* Il-kontenut ġie nnutat.

67.9.15 Talba minn Joyce Buttiġieġ ta' Triq San Duminku b'talba għal double line fl-istess triq. Il-membri tal-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni sakemm li dan isir konformi mal-liġi. Għalhekk it-talba kellha titressaq lil Transport Malta.

67.9.16 Talba minn Bernardette Vella, l-iskrivana tal-Kunsill biex isiru s-sinjali tat-toroq fi Triq Tingi wara li dawn baqgħu ma sarux wara li kienet tranġat it-triq. Il-membri tal-Kunsill qabel li

talba immedjata għandha ssir immedjatament lil Transport Malta sabiex jiġi evitat xi inċident.

67.9.17 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li tittranġa t-tab ella bil-ħin miftuħ għal-pubbliku wara li talbet lid-Dipartiment biex tikkonferma kif dawn suppost ikunu. Memo 103/2010 tikkonferma li dawn għandhom ikunu mit-tmienja sas-siegħa obbligatorji u mhux mis-sebgħa kif qed turi t-tabella. Il-membri preżenti unaniment qablu li l-ħinijiet għall-pubbliku għandhom ikunu mit-tmienja sat-tlieta u nofs mit-Tnejn sal-Ġimgħa u s-Sibt mit-tmienja sa l-ħdax u nofs kif titlob l-istess Memo.

## 67.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

67.10 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 67.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

67.11.1Il-laqgħa ntemmet fis-6.34pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Novembru 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Xewkija** **Skeda Nru. 24/65**

## Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **23/09/2017 sa 20/10/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | €40.00 | €40.00 | D | PF | Laqgħa Plenarja- AKL 30.09.2017 | 29.09.2017 | | | | | 12846 |
| 2 | Employees September | €2,367.30 | €2,367.30 | D | PF | September Wages | 29.09.2017 | | | | | 12847-12849 |
| 3 | Kelly Azzopardi | €100.00 | €100.00 | D | PF | Fior D' Argenta Preseneter | 30.09.17 | Sep-17 | | | | 12850 |
| 4 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Avviż Gazzetta tal-Gvern-Quotation for Sage | 05.10.17 | 67757 | | | | 12851 |
| 5 | Eugenio Camilleri | €150.00 | €150.00 | D | PF | Karnival 2017- Line Dancing | 05.10.17 | | | | | 12852 |
| 6 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Avviż Gazzetta tal-Gvern-Tender Resurfacing tat- Toroq | 12.10.17 | | | | | 12853 |
| 8 | Xewkija Tigers FC | €923.81 | €923.81 | D | PF | Street Cleaning & Maintenance | 31.10.2017 | 10.17 | | | | 12854 |
| 9 | Maltapost | €26.00 | €26.00 | D | PF | Bolol | 24.10.2017 | | | | | 12855 |
| 10 | Galea Curmi Engineering | €355.00 | €355.00 | D | PF | EPC Report fuq LC Triq Torri Tingi | 20-09-17 | 6038 | | | | 12856 |
| 11 | R.A & Sons Ltd | €19.99 | €19.90 | D | PF | Mattoncina Red | 14-09-17 | Apr-87 | | | | 12857 |
| 12 | Toolmart | €14.50 | €14.50 | D | PF | Għodda għax-xogħol | 16-10-17 | 14549/14550 | | | | 12858 |
| 13 | Refalo Signs | €100.30 | €100.30 | D | PF | Signs for Roads | 27-09-17 | 16-1168 | | | | 12859 |
| 14 | Refalo Signs | €43.66 | €43.66 | D | PF | Signs for Roads | 29-09-17 | 16-1226 | | | | 12860 |
| 15 | Galea Curmi Engineering | €75.00 | €75.00 | Dċ | PF | Disbursement for online reg of EPC report with Building Regulation Office | 20-09-17 | 6037 | | | | 12861 |
| 16 | Go Plc | €44.85 | €44.85 | D | PF | Kera Ottubru '17 u konsum Settembru Mobilie | 03-10-17 | 56196301 | | | | 12862 |
| 17 | Monica Mercieca Librarian | €301.02 | €301.02 | D | PF | Service from 2-9-17 to 30-9-17 | 30-09-17 | Sep-17 | | | | 12863 |
| 18 | St John Food Store | €26.65 | €26.65 | D | PF | Detergents and coffee | 13-10-17 | cr 180 | | | | 12864 |
| 19 | Toolmart | €5.50 | €5.50 | D | PF | Bulb and adapter plug | 29-09-17 | 14521 | | | | 12865 |
| 20 | Toolmart | €21.90 | €21.90 | D | PF | Telephone for Bernardette | 23-09-17 | 14512 | | | | 12866 |
| | **Sub Total c/f** | **€1,958.18** | **€1,958.09** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€1,051.49** | **€1,051.49** | | | | | | | | | |

Paul Azzopardi
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Domenic Zerafa
Viċi Sindku

Jeanelle Attard
Kunsilliera

**Kunsill Lokali: Xewkija** — **Skeda Nru. 24/65**

## Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **23/09/2017 sa 20/10/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Il Gardina | €20.00 | €20.00 | D | PF | Bukkett fjuri ghal funeral Xewkija | 20-09-17 | 28457 | | | | 12867 |
| 22 | Hilite | €11.00 | €11.00 | D | PF | 2 Led Lamps and 2 Key cuts | 03-10-17 | 9883 | | | | 12868 |
| 23 | Island Tech | €52.50 | €52.50 | D | PF | 2 Printer Toners ghal-Librerija | 29-09-17 | 12219 | | | | 12869 |
| 24 | Cleansing Section Projects and Development | €273.42 | €273.42 | DA | PF | Attendanza mal-Public Convenience Xewkija | 09-10-17 | 20170044 | | | | 12870 |
| 25 | William Sultana | €75.00 | €75.00 | D | PF | Xogħol fuq il-quoatation tas-Sage | 09-10-17 | 264 | | | | 12871 |
| 26 | Go Plc | €249.76 | €249.76 | D | PF | Kera Ottubru u Konsum Settembru Kunsill u Librerija | 03-10-17 | 56320829 | | | | 12872 |
| 27 | Strand Electronics | €36.58 | €36.58 | T | PF | Kera Settembru 2017 | 26-09-17 | 370802 | | | | 12873 |
| 28 | J..F Attard | €52.00 | €52.00 | D | PF | Diesel għall-Kunsill Lokali | 09.10.2017 | 7920 | | | | 12874 |
| 29 | Refalo Signs | €279.66 | €279.66 | D | PF | Roads Signs | 05-10-17 | 17-1552 | | | | 12875 |
| 30 | Smart Office Supplies | €50.06 | €50.06 | D | PF | Stationery | 29-09-17 | 64581 | | | | 12876 |
| 31 | Smart Office Supplies | €141.60 | €141.60 | D | PF | Shredder | 02-10-17 | 64739 | | | | 12877 |
| 32 | J.A .Borg & Sons Ltd | €22.00 | €22.00 | D | PF | Reimbursment Mario Zammit | 21-10-17 | 92441 | | | | 12878 |
| 33 | KIP LTD | €3,222.38 | €3,222.38 | T | PF | 22 days refuse collection during Sep | 30-09-17 | 23876 | | | | 12879 |
| 34 | KIP LTD | €580.98 | €580.98 | T | PF | 4 Extra collection of arganic waste during Sep | 30-09-17 | 23877 | | | | 12880 |
| 35 | Refalo Signs | €720.39 | €720.39 | D | PF | Road Signs and stainless steel poles | 12-09-17 | 17-1518 | | | | 12881 |
| 36 | Galea Curmi Engineering | €88.40 | €88.40 | T | PF | Contract Manager Fee September | 29-09-17 | 6067 | | | | 12882 |
| 37 | Hilite | €45.00 | €45.00 | D | PF | Safty Shoes | 29-09-17 | 9860 | | | | 12883 |
| 38 | Michael Refalo (Ta Tlittu) | €519.20 | €519.20 | D | PF | Cleaning of culverts | 30-08-17 | 2017178 | | | | 12884 |
| 39 | DJ Mario | €430.00 | €430.00 | D | PF | Sound System- Fior D'Argenta | 06-09-17 | 46 | | | | 12885 |
| | **Sub Total c/f** | **€6,869.93** | **€6,869.93** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€1,051.49** | **€1,051.49** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,921.42** | **€7,921.42** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

Paul Azzopardi
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Domenic Zerafa
Viċi Sindku

Jeanelle Attard
Kunsilliera

## Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **23/09/2017 sa 20/10/2017**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Joseph Caruana | €76.00 | €76.00 | D | PF | Pearltex terracotta Ramel | 25-09-17 | 18397 | | | | 12886 |
| 41 | William Sultana | €118.00 | €35.40 | D | PF | Xogħol mat-tender tal-FA register/ tender ta' resurfacing tat-toroq | 15-09-17 | 255/267 | | | | 12887 |
| 42 | Frans Pisani | €355.00 | €355.00 | D | PF | Fior D'Argenta- Serata t' Ghana | 29-08-17 | SETT17 | | | | 12888 |
| 43 | Zephyr Garage | €20.00 | €20.00 | D | PF | Transport Provdut | 31-08-17 | ZPH17 48 | | | | 12889 |
| 44 | Gatt Enterprises | €20.77 | €20.77 | D | PF | Supply of Samd | 31-08-17 | 1802 | | | | 12890 |
| 45 | Galea Curmi Engineering | €109.98 | €109.98 | D | PF | Contr mang fee- Appl ta' Bozoz Ġodda | 18.10.2017 | 6147 | | | | 12891 |
| 46 | Smart Office | €117.12 | €117.12 | D | PF | Stationary | 13-10-17 | 65467 | | | | 12892 |
| 47 | DDS | €390.00 | €390.00 | D | PF | 2 Bankijiet | 06-10-17 | 337-07 | | | | 12893 |
| | Payroll October | €2,145.43 | €2,145.43 | D | PF | Payroll October | 20-10-17 | 10.17 | | | | 12894/12895 |
| 48 | Toolmart | €20.85 | €20.85 | D | PF | Materjal għax-xogħol | 13-10-17 | 14543 | | | | 12896 |
| 50 | Hilite | €72.70 | €72.70 | D | PF | Materjal għax-xogħol | 16-10-17 | 9960 | | | | 12897 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,445.85** | **€3,363.25** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,921.42** | **€7,921.42** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€11,367.27** | **€11,284.67** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

Paul Azzopardi
Sindku

Marion Attard
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Domenic Zerafa
Viċi Sindku

Jeanelle Attard
Kunsilliera